# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 55

Marzu - April 2003





# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| kompetizzjoni 55 | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| il-bulebbiet | 5 |
| gallerija | 6 |
| inkredibbli | 6 |
| spot natura: il-lellux | 7 |
| attività | 7 |
| FALKO | 8 |
| ...u jekk jitla' l-baħar?! | 9 |
| sittsaqajn | 10 |
| mur aqbad ktieb | 10 |
| avviż - open day | 10 |
| natura fl-arti | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| basktijiet tax-xoqqa! | 12 |


# EDITORJAL

## Ħbieb Ħuttafa

Fl-Iraq hemm gwerra! Fil-gwerra jmutu n-nies - traġedja kbira. Imma barra minn hekk il-gwerra tagħmel ħsara kbira wkoll lill-ambjent naturali! Min jaf kemm annimali jinqatlu bil-bombi u bin-nirien, kemm siġar u foresti jinqerdu, kemm tniġġis fl-arja bid-dħaħen, kemm żjut fil-baħar, kemm tifrik u raded u trinek u ħofor fl-art.

U l-ħela! Dak il-fjuwil kollu biex iħaddmu l-vapuri, l-ajruplani, it-tankijiet, il-missili, il-ħelikopters. U dak il-ġebel, metall, plastik, ġir, siment, injam li jinqered kull meta jaqa' bini bil-bomba! Immaġinaw kemm elettriku jintuża biex tibni dar waħda, aħseb u ara dawk il-blokkijiet enormi kollha, biex imbagħad BUMM! - bomba waħda u kollox isir trab!



Imma x'nippretendu hux! Aħna l-bnedmin anke fi żmien il-paċi neqirdu l-ambjent, aħseb u ara fi żmien il-gwerra!!!

Issa kieku flok ħlewhom fi gwerra, mhux aħjar kieku dawk il-biljuni ta' liri użawhom biex inaddfu ftit id-dinja sabiħa tagħna?

Victor

**Victor Falzon**
Editur



L-**agrett abjad** (little egret *Egretta garzetta*) huwa għasfur kbir u abjad karti, li jtir bil-lajma bi ġwienaħ kbar u wesgħin. Iħobb xtut u għadajjar, u daż-żmien spiss jinżlu xi tnejn fir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar. Il-kaċċaturi joqtlu gzuz ta' agretti, allavolja kontra l-liġi.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin ilhuttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **agrett abjad** (ritratt ta' Alex Casha)
Faċċata ta' wara: **basktijiet tax-xoqqa**
Films: Scancraft Studios. Stampat: Poulton's Print Shop, April 2003

EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**




# FORESTA 2000




Xi ħames snin ilu aħna ta' Klabb Ħuttaf konna bdejna nfaddlu u nbigħu l-bolli użati biex nixtru qsari ħalli niżirgħu l-ballut fihom! Dawk li ilhom membri jiftakru żgur il-kampanja **Bolli għall-Ballut**!

Illum dak il-ballut kiber sew u issa bdejna nħawluh fil-proġett li jismu **Foresta 2000**. Din hija foresta ġdida li l-BirdLife flimkien mal-PLCS u ma' Din l-Art Ħelwa qegħdin noħolqu f'biċċa art ħdejn ir-riserva ta' l-Għadira. Diġà tħawlu mijiet ta' siġar, imma baqa' koċċ eluf oħrajn. Ftit taż-żmien ieħor nagħmlu ħarġa biex immorru ngħinu fit-taħwil!

# Kompetizzjoni 55

*Norman Chetcuti*



1. Minn din il-borka raw xi erba' mija (p3)
2. Din tiekol il-briegħed tal-pjanti (p10)
3. Dan l-għasfur isebbaħ il-faċċata ta' dil-ħarġa (p1)
4. Fi New Zealand ma jriduhx (p4)
5. Qiegħed fuq wieħed mill-basktijiet (p12)
6. Fjura safra safra (p7)
7. Il-Falko marru hawnhekk (p8)

## tisliba

Did-darba ħsibnielkom għal tisliba ħafifa. It-tweġibiet issibuhom kollha f'dil-ħarġa stess tal-Ħuttafa, u biex ngħinukom iktar tajniekom il-paġni eżatt fejn issibu t-tweġibiet! Mela ibdew qallbu!

X'ħin issibuhom kollha ħudu fotokopja tat-tisliba, jew ikkupjawha fuq karta, jew iktbu t-tweġibiet, u ibagħtuhomlna (indirizz paġ2). Tistgħu wkoll tibagħtu t-tweġibiet bl-imejl (paġ2). Ir-rebbieħ nibagħtulu l-Kalendarju 2003 tal-BirdLife.

Ċans għandkom sal-**15 Mejju 2003**.

*Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 54 kienet **Rebecca Debono** minn San Ġwann. Rebecca tirċievi l-kalendarju tal-BirdLife bil-posta. Prosit Rebecca.*




# Nanu fit-tarf!



Wieħed mill-iċken speċi ta' fniek fid-dinja għadu kemm żdied mal-lista ta' annimali mhedda. Il-**Columbia basin pygmy rabbit**, *Brachylagus idahoensis*, jinstab fl-istat ta' Washington (Stati Uniti) imma fadal biss xi 12 fis-salvaġġ.

Dawn il-fniek jikbru biss 10-15ċm u jiżnu xi 400g, għalhekk huma probabbli l-iċken fniek tad-dinja. Imma ftit li xejn jafu dwar dan l-annimal. Xjenzati jaħsbu li din l-ispeċi hija mhedda minħabba l-qerda tal-ħabitat tagħha u minħabba t-tnaqqis ta' diversità ġenetika.

Imma forsi hemm ftit tama għal dan il-fenek żgħir. Sentejn ilu l-Washington Department of Fish and Wildlife beda programm speċjali biex irabbu fil-magħluq ħafna fniek ta' din l-ispeċi, biex imbagħad ftit ftit idarruhom jieklu weħidhom u jfendu għal rashom, ħalli fl-aħħar jitilquhom f'inħawi minn fejn spiċċaw.



# In-nemes fl-inkwiet!

Il-gvern tan-New Zealand se jgħaddi liġi biex ħadd iktar fil-pajjiż ma jrabbi n-nemes. Dan għaliex in-nemes qegħdin jagħmlu ħerba sħiħa mill-kiwis tan-New Zealand!

Il-kiwi huwa għasfur li fid-dinja jinsab biss fin-New Zealand. In-nies ta' New Zealand kburin ħafna bil-kiwi, tant li huma stess spiss jissejħu "kiwis" flok New Zealanders!

Fis-seklu 19 il-gvern tan-New Zealand kien telaq eluf ta' nemes fis-selvaġġ ħalli forsi jikkontrollaw il-ħafna fniek li kellhom. Imma n-nemes flok ma attakka l-fniek attakka l-kiwis, u l-kiwi nqered minn ħafna nħawi tal-pajjiż! Dan juri kemm hu żball kbir meta titlaq annimali bl-addoċċ f'ambjent li mhux tagħhom!



Issa bil-liġi l-ġdida ħadd ma jkun jista' jrabbi nemes fi New Zealand, biex forsi dan l-annimal ftit ftit jispiċċa mill-pajjiż, u forsi jsalvaw il-kiwi milli jinqered għal kollox! Min jinqabad irabbi n-nemes jista' jeħel sa ħames snin ħabs!

# MANTOPHASMATODEA



Min jistudja n-natura jqassam l-annimali u l-pjanti fi gruppi biex jifhem aħjar kif u kemm dawn ikunu jiġu minn xulxin. L-insetti, per eżempju, jitqassmu f'ħanfus għalihom, friefet għalihom, dubbien għalihom eċċ.

Dan l-aħħar ix-xjenza ħolqot ordni (grupp) ġdida għal tmien speċi ta' insetti. Fid-dehra dawn qishom *stick insects* imma huma karnivori, għax jieklu insetti oħrajn. Bit-twaqqif ta' din l-ordni ġdida l-istudjużi issa jistgħu jifhmu aħjar xi insetti strambi li kienu ilhom 'misteru' mill-1909! X'aktarx li fil-passat dawn l-insetti kienu iktar komuni u mxerrdin, imma llum huma rarissmi. Uħud minnhom jgħixu fil-muntanji Brandberg tan-Namibja.

L-isem xjentifiku ta' dawn l-insetti huwa **Mantophasmatodea**, imma laqqmuhom **gladiators** għax il-qoxra tagħhom qisha l-korazza li jilbsu l-gladjaturi fil-film famuż *Gladiator*!

nittrumbjaw fuq...

# il-bulebbiet

Mark Anthony Falzon



Il-bulebbiet nistgħu narawh f'pajjiżna kważi s-sena kollha. Għalkemm qed jonqos, għadu pjuttost komuni, u jidher l-aktar waqt il-pases tal-ħarifa u tar-rebbiegħa. Fir-rebbiegħa jpassi minn fuqna fi triqtu lejn l-Ewropa biex ibejjet. Fil-ħarifa jkun sejjer l-Afrika fejn iqatta' x-xitwa 'l isfel mid-deżert Saħara. Xi ftit minnhom jibqgħu magħna x-xitwa kollha.

Il-bulebbiet huwa faċli ħafna tagħrfu imma mhux daqshekk sempliċi biex tilmħu! Iħobb joqgħod ma' l-art jew fuq xi ħajt tas-sejjieħ mingħajr ma jiċċaqlaq, u ma tantx jagħti fil-għajn. Hu pjuttost mans u ġeneralment iħallina nosservawh mill-viċin bit-tromba.

Il-kulur tiegħu huwa griż u kannella – għandu strixxa kannella skura għaddejja mill-għajn u strixxa griża ċara fuq spalltu li jidhru sew. Minn taħt huwa kafellatte b'daqqiet kannella. Munqaru huwa dritt u ftit tawwali, imma saqajh qosra ħafna. Meta narawh mill-viċin nindunaw bis-sbuħija ta' dan l-għasfur. Huwa ftit ikbar minn għasfur tal-bejt u meta jtir nistgħu nitfixkluh miegħhu, għalkemm għandu titjira iktar kajmana u ftit immewġa. L-iktar ħaġa li għandna ninnutaw hija l-għajta tal-bulebbiet, li hi b'saħħitha ħafna u tixbah 'ċiiiu, ċiiiu, ċiiiu ...'

Il-bulebbiet huwa għasfur speċjali għax huwa mir-razza tal-*woodpeckers*! Imma flok ifittex siġar għoljin iħobb iħuf għall-ikel ma' l-art jew fuq xi zokk baxx. Ħaġa interessanti hi li għandu lsien twil ħafna li jkun imkebbeb ġo rasu (sewwa qrajtu, imkebbeb ġo rasu!) Meta jkun ma' l-art, joħroġ ilsienu u n-nemel jeħel miegħu; meta jara li hemm biżżejjed nemel il-bulebbiet idaħħal ilsienu u jikolhom!

Fi żmien il-pases il-bulebbiet nistgħu narawh kullimkien, spiss anke f'għelieqi miftuħin u fuq ix-xagħri. Fix-xitwa jippreferi postijiet bis-siġar u arbuxxelli folti, u għalhekk aktar hemm ċans li narawh f'widien jew xi post bħall-Buskett.

bl-ingliż **wryneck**
xjentifiku ***Jynx torquilla***

| J | F | M | A | M | Ġ | L | A | S | O | N | D |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

Il-bulebbiet jidher l-iktar fir-rebbiegħa u l-ħarifa.





Meta r-ringers jaqbdu bulebbiet, dan l-għasfur għandu drawwa stramba li joqgħod idawwar u jilwi rasu qisha bis-slowmowxin! Għalhekk fil-fatt bl-Ingliż jgħidulu *wryneck*.

# gallerija

verdun



Kurt Schembri 7

serp



Therese Attard 11

bebbuxu



Andy Buttiġieġ 7

ors



Amanda Cassar 10

widnet il-baħar



Mandy Zammit 12

pitirross



Kimberley Said 11

ajkla



Melvin Micallef 11

isfar



Eric Scerri 7

għasfur tal-bejt



Justin Baldacchino

russett griż



Kevin Muscat 14

## Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom

**Aħna nieħdu gost inġibu t-tpinġija tagħkom fil-magażin. Imma tpinġux bil-kulur, u jekk tistgħu użaw bajrow jew feltpen iswed. Għidulna wkoll isimkom, età u anke l-isem tat-tpinġija. It-tpinġijiet tistgħu tibagħtuhomlna wkoll imejl (jpeg jew gif).**





## inkredibbli

**fatti u figuri mid-dinja ta' l-għasafar miġburin minn Jason Aloisio**

L-iktar għasfur komuni fid-dinja huwa r-**red-billed quelea** *(Quelea quelea)*, li jgħix f'ħafna nħawi ta' l-Afrika. Stmaw li jeżistu 1500,000,000 minn dan l-għasfur ċkejken, li spiss jidher fi qtajja' ta' 10,000 u iktar. Fis-Sudan dan l-għasfur isejħulu "Gadum Aħmer" - tgħid għaliex hux?!



SPOT NATURA

# il-lellux

*Jason Aloisio*

L-aktar fjuri komuni huma dawk li kapaċi jikbru fit-tħarbit li joħloq il-bniedem fl-ambjent naturali. Imn'alla jkunu dawn il-fjuri, għax bil-ħdura u l-ilwien tagħhom jgħattu xi munzell terrapien mormi bl-addoċċ. Il-**lelluxa** hija waħda minn dawn il-fjuri.

Bħalma dejjem jiġri meta xi ħaġa tkun komuni, ftit huma dawk li jieqfu japprezzaw din il-fjura sabiħa. Per eżempju kontu tafu li kull fjura tal-lellux mhix fjura waħda, imma bukkett fjuretti żgħar?! Dawn jiddakkru minn insetti żgħar ħafna bħal ħanfus u żunżan li tant huma ċkejknin li bilkemm tintebaħ bihom. Kull fjuretta, imbagħad, tipproduċi żerriegħa waħda.

Il-lellux għandu kulur tant isfar li bil-Malti ngħidu "isfar lellux"! Imma kultant tinzerta xi lellux li flok ma jkun isfar ikollu r-raġġiera bajdanija. Din hija l-istess speċi, imma razza differenti.

F'Għawdex insibu speċi oħra ta' lellux, li hija ftit rari. Tikber l-aktar fl-għelieqi maħdumin, u fil-fatt ngħidulha l-**lellux tar-raba**'. Il-weraq ikun iktar wiesa' minn dak tal-lellux komuni.

Il-lellux iwarrad l-aktar mix-xitwa sa l-aħħar tar-rebbiegħa.



# Tlaqna sa Kemmuna!

**Bħal kull sena, se nagħmlu ħarġa (anzi żewġ ħarġiet) għal Kemmuna, dik il-gżira mrekkna bejn Malta u Għawdex. Kemmuna hija santwarju ta' l-għasafar, fejn kaċċa ma tistax issir. Għalhekk lilna li nħobbu l-għasafar ħajjin u ħielsa Kemmuna iktar tiġbidna! Ħa mmorru bil-lanċa u nagħmlu nofs ta' nhar nippassiġġaw għall-kwiet u l-arja. Mela ejjew ħudu pjaċir magħna!**




10

## DETTALJI

Data: **Ħarġa A: il-Ħamis 1 Mejju 2003**
Data: **Ħarġa B: il-Ħadd 4 Mejju 2003**
Prezz: żgħar: **Lm1.25**, kbar: **Lm1.75**
Ħlas dakinhar stess tal-ħarġa
Ħin u post: **Aktar dettalji lil min jibbukkja!**
**IBBUKKJAW**: Ċemplu lill-BirdLife (tel 21347646 Tnejn-Ġimgħa 9am-1pm). **Ċans sa 29 April 2003**
**Ġibu:** ikel. xorb, beritta, nowtbuk, lapes, basket tad-dahar u (jekk għandkom) tromba u gajd.
**Iġġibux:** radjijiet, blalen eċċ - din mhijiex xalata!

***Għeżież ġenituri,***
*Nixtiequ li għal dil-ħarġa biss ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan nagħmluh biex inħallu aktar post għall-membri stess, peress li n-numru jkun limitat. Membri ta' taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (14+) magħhom, filwaqt li tfal ta' 5 snin jew inqas nissuġġerixxu li ma jitħallewx jiġu. Grazzi ħafna.*



# Ħbieb Falkuni!

Dan l-aħħar kont qed nistenna biex nitla' fl-ajruplan, u qbadt inparla ma' waħda mara Awstraljana. Ratni nqalleb ktieb ta' l-għasafar, u staqsietni inix berdwoċer. Għedtilha iva, imma li dan l-aħħar aktar qed inqatta' ħin naħdem għall-ħarsien tagħhom milli narahom. Malli semgħet hekk bdiet tirrakkuntali dwar tip ta' pappagall li jgħix viċin id-dar tagħha ħdejn Sydney. Qaltli li hemm roqgħa foresta li hija l-aħħar post fejn ibejjet dal-pappagall f'Sydney, imma ftit ftit qed jibnuha kollha, tant li sa sentejn oħra dan l-għasfur jista' jisparixxi għal kollox mill-inħawi ta' Sydney.

Xi kultant ingergru li aħna l-Maltin ma nirrispettawx l-ambjent. Imma mhux aħna biss! Dil-ħaġa hija problema mxerrda fil-pajjiżi kollha!

Jiġuni f'moħħi l-qerda tal-foresti fil-Brażil, il-ħruq tal-foresti fl-Awstralja, fejn kull sena tinqered area 50 darba daqs Malta), dawk it-30,000 fekruna li nstabu mejtin fl-Indja (ara Il-Ħuttafa 54), il-kaċċa ta' l-iljuni u l-ġiraffi fl-Afrika t'Isfel, ir-ramla tropikali fil-gżira Phi Phi Leh fit-Tajlandja li rvinaw biex ħadmu *The Beach* (l-aqwa li tawhom balla flus!).



Imma tgħid il-bniedem għalfejn huwa daqshekk qerriedi? Għalfejn eżatt naħseb ħadd qatt mhu se jkun jaf. Li naf żgur hu li għad hawn bżonn ta' ħafna iktar ħidma biex nipproteġu l-ftit ambjent li fadlilna hawn Malta. Mela ejja nkomplu naħdmu guys!

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO




**Il-Falko li telgħu Salerno, immexxijin minn Graziella Grech, Caldon Mercieca u Justin Vassallo**

# Falko Foreign Legion!

Disa' żgħażagħ Falko ftit ilu tlajna l-Italja biex nagħmlu ġimgħa ngħinu lil-LIPU (il-BirdLife ta' l-Italja) f'xogħol ambjentali ġo bosk f'**Salerno**. Dan il-bosk qiegħed ħdejn xatt popolari ħafna mat-turisti fis-sajf. L-għan tal-proġett kien li nżidu l-valur naturali tal-bosk, u li ngħallmu lin-nies tal-lokal u t-turisti biex japprezzaw in-natura iktar.

Fost xogħol ieħor, bnejna nest-boxes (kaxxi li jħajru l-għasafar ibejtu fihom), li wara waħħalniehom matul il-mogħdijiet fil-bosk. Waħħalna wkoll sinjali kontra t-tqabbid tan-nar, għax il-problema tal-ħruq hija kbira f'dan il-bosk, peress li fih isiru ħafna barbikjus. Sewwejna wkoll xi bankijiet, żbajna diversi arbli u tabelli ta' l-injam matul il-mogħdijiet, u ġbarna aktar minn 30 borża skart!

Ħadna pjaċir immens, mhux biss għax konna qed ngħinu biex jissalva bosk, imma wkoll għax meta taħdem għall-ambjent barra minn artek tifhem iktar kemm in-natura hija ħaġa tad-dinja kollha.




**Waħħalna tabelli kontra t-tqabbid tan-nar fil-bosk.**

## Ooops!

Fl-aħħar Ħuttafa ktibt li konna għedna lill-pulizija li qed issir kaċċa illegali u huma ma ħarġux. Fil-fatt jirriżulta li dik id-darba l-messaġġ ma kienx waslilhom lill-ALE. L-ALE hija l-iskwadra tal-pulizija li tikkontrolla l-abbużi tal-kaċċaturi, u fil-fatt tagħmel ħilitha biex isir kontroll. Ħasra li l-iskwadra żgħira wisq. Il-berdwoċers tal-BirdLife spiss jgħinu lill-ALE billi nindikawlhom min qed jikser il-liġi u fejn.

Niskużaw irwieħna ma' l-ALE u magħkom tar-rappurtaġġ żbaljat.



# ...u jekk jitla' l-baħar?!

*Elisabeth Conrad*

**Tul l-istorja tad-dinja, il-livell tal-baħar inbidel ħafna drabi minħabba kawżi naturali. Per eżempju xi 125,000 sena ilu l-baħar kien sa 6m ogħla milli hu llum; 20,000 sena ilu kien 120m iktar baxx! Illum hemm periklu li l-livell tal-baħar se jogħla, imma did-darba mhux b'kawżi naturali, imma effett tal-*global warming* li qed nikkaġunaw aħna n-nies!**

Ħafna xjenzati jaqblu li bil-global warming jibda jinħall is-silġ ta' madwar in-North u South Poles. Barra minn hekk, bis-sħana l-ilma minnu nnnifsu jespandi, u dal-fatt ikompli jgħolli l-livell tal-baħar! Hemm ħjiel li l-livell ta' l-oċeani qed jogħla b'2mm kull sena. Forsi ma tidhirx ċifra allarmanti, imma sena wara sena, id-differenza tibda tinħass. X'jiġri jekk jogħla l-baħar?

## għargħar...

Għal raġunijiet ta' trasport, kummerċ, il-bniedem spiss fittex li jgħix viċin ix-xatt. Ħarsa lejn mappa tad-dinja turina li ħafna bliet kbar qegħdin fil-fatt max-xatt. Il-periklu ta' bdil fil-livell tal-baħar għal dawn in-nies huwa ċar. Diversi nħawi max-xatt, speċjalment gżejjer, diġà qegħdin f'periklu permanenti ta' għargħar. Skond studju, żieda ta' metru wieħed biss fil-livell tal-baħar taffettwa sitt miljun ruħ fl-Eġittu ( u t-telfa ta' 12-15% ta' l-art agrikola), 13-il miljun ruħ fil-Bangladexx u 72 miljun ruħ fiċ-Ċina. Metru wieħed! Xi gżejjer żgħar kważi jegħrqu għal kollox - il-gżira żgħira ta' Tuvalu fil-Oċean Paċifiku, per eżempju, għandha l-ogħla punt ta' biss 4m 'l fuq mill-baħar!

## tmermir...

Effett ieħor huwa żieda fit-tmermir ta' xtut, ramliet, u infrastruttura tal-kosta (mollijiet eċċ).

## tniġġis...

Iż-żieda fil-livell tal-baħar tista' tikkaġuna tniġġis ta' ilma ħelu b'ilma baħar. Kull wieħed minn dawn l-effetti iġib miegħu l-inkonvenjent u l-periklu għan-nies, biex ma nsemmix l-ispejjeż enormi!

## diżastru ekoloġiku...

Jintlaqtu wkoll ħażin żgur l-ekosistemi tax-xtut, per eżempju l-wetlands. Dawn huma nħawi li l-flora u l-fawna fihom tiddependi totalment mill-għoli, mill-kwalità, u anke mit-temperatura ta' l-ilma li jkun hemm. Jekk tibdlilhom imqar waħda minn dawn l-aspetti jkollok diżastru sħiħ! Fl-Amerka hemm mijiet ta' speċi ta' annimali u pjanti fil-periklu li jinqerdu. Kważi terz ta' dawn l-ispeċi jgħixu inqas minn 3m 'l bogħod mill-baħar!

## klima...

Il-bidla fil-livell tal-baħar jista' wkoll iġib tibdil fil-klima, per eżempju żieda fil-frekwenza ta' ċikluni u uragani. Huwa impossibbli tgħid eżatt x'jista' jiġri f'dal-każ għax is-sistema tal-klima hija kumplessa ħafna.

**Bit-tniġġis ta' l-arja, il-bniedem qed isaħħan l-atmosfera tad-dinja, u b'hekk qed iżid iċ-ċans li jgħolli l-livell tal-baħar u jikkawża diżastri kbar.**





# in-nannaKola

In-nannakoli famuži għall-ġmiel tagħhom u għax jagħmlu ħafna ġid fir-raba'. Kemm iż-żgħir kif ukoll l-adult huma predaturi u primarjament jieklu l-brieghed tal-pjanti (aphids). Meta dawn il-brieghed ikunu skarsi, in-nannakola tiekol insetti żgħar oħrajn, bajd ta' baħrijiet, ħanfus u anke polin u nektar.

In-**nannakola tas-seba' tikki** (seven-spot ladybird*Coccinella septem-punctata*) tgħix fuq kull tip ta' pjanti, basta ssib il-brieghed. Tkun ħamra daqs id-demm, b'seba' tikek fuq daharha, kif juri isimha!

In-nannakola tbid minn 20 sa 1000 bajda tul ħajjitha. Tbid fuq weraq li jkun fih il-brieghed tal-pjanti, biex malli jfaqqsu ż-żgħar isibu l-ikel mill-ewwel! Il-bajd ikun żgħir ħafna, wiesa' xi 1mm biss. Matul l-ewwel 20-30 jum ta' ħajjithom, iż-żgħar ibiddlu l-qoxra xi erba' darbiet, u sadattant jikbru minn 1mm sa kważi 1ċm. Il-frieħ tan-nannakoka ma jtirux, imma kapaċi jimxu distanza ta' 12m biex isibu l-ikel.



ferħ



pupa

Meta l-ferħ tan-nannakola jkun kiber biżżejjed, iwaħħal dahru ma' werqa u jsir pupa. F'din il-forma jdum minn 3 sa 12-il ġurnata, skond it-temperatura. L-adulti jgħixu min ftit xhur sa sena sħiħa, u jtiru tajjeb bil-ġwienaħ li jżommu moħbijin taħt il-qoxra ħamra.

*Matthew Borg Cardona*

## Drittijiet ta' l-annimali!




kitba **Miles barton**
Aladdin Books 1995

"L-annimali għandhom l-istess drittijiet bħall-bnedmin?" Din hi l-mistoqsija li jagħmlu ħafna movimenti favur l-annimali u li jagħmlu wkoll in-nies li ma jaqblux magħhom. F'dal-ktieb insibu aħbarijiet, rapporti minn gazzetti u stejjer li jgħinuna niffurmaw opinjoni dwar il-kontroversja li jġib miegħu das-suġġett. Minbarra ħafna ritratti ta' annimali li jġibulek ħniena u jġegħluk titħasseb, insibu tagħrif dwar nies li ħadmu jew qed jaħdmu bla heda favur l-annimali, u dwar liġijiet li nholqu dan l-aħħar biex iħarsu l-annimali minn tbatija żejda, jew anke milli jinqerdu għal kollox. Tgħid il-futur għall-annimali se jkun aħjar mill-passat?

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb tista' ssibu fil-Librerija Publika tal-Furjana*

## Open Day fis-Simar



Se nagħmlu jumejn open day fir-riserva naturali tas-Simar. Għalissa dir-riserva qiegħda tiftaħ biss matul il-ġimgħa għat-tfal ta' l-iskejjel, kif tafu ħafna minnkom li mortu ma' ta' l-iskola. Għadna ma bdejniex niftħuh fi tmiem il-ġimgħa għax xi faċilitajiet għadhom ma nbnewx. Imma fl-aħħar week-end ta' April se niftħu r-riserva biex anke l-familji jkunu jistgħu jżuru s-Simar. **Dan huwa żmien il-passa, għalhekk ma tafx x'tista' tinzerta fir-riserva!**

Data: **26 u 27 April 2003**
Ħin: **10am-4pm**
Ħa jkun hemm nies tal-BirdLife li jdawru lil min jiġi jżur; se jkun hemm berdwoċing, bejgħ ta' kotba. **Dħul b'xejn.**



Nawguraw Happy Birthday lil Ħuttafa, għax għalqet 9 snin! Dan il-magażin twieled f'Marzu 1994, u minn dakinhar kiber, infirex u ssaħħaħ!




Dit-tpinġija kienet saret bħala parti minn kampanja għall-ħarsien tal-baħar, għalhekk SOS = Save Our Seas. Tajba hux!

żur il-websajt tagħna...
**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**






Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode __________

Data tat-twelid __________ Telefon __________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode __________

Membership number __________ Telefon __________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Trid basket ?






tajra safra

Dawn huma ż-żewġ disinji li hemm fuq il-basktijiet taċ-ċarruta ġodda li għadha kemm ħarġet il-BirdLife. Meta tuża basket taċ-ċarruta, tkun qed tiffranka ħafna u ħafna plastik żejjed.

merill




Il-basktijiet jiswew Lm1, u qegħdin għall-bejgħ mill-Għadira, mis-Simar jew mill-uffiċċju tal-BirdLife. Min jixtieq jirċievi basket bil-posta għandu jibgħat ċekk ta' Lm1.25 jew 18-il bolla tas-7ċ (prezz jinkludi l-posta).

**Imma ħaffu, għax m'għamilniex l-eluf!**

Jekk se tordna bil-posta, tinsiex tinkludi l-indirizz tiegħek flimkien mal-ħlas, u għidilna liema għasfur trid.
Tibgħatx flus bil-posta. Għal aktar tagħrif ċempel 21347646 Mon-Fri 9am-1pm